MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Numru. 272/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Spiteri**

Kaz Numru: 272/2013

Illum 3 ta’ Ottubru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Joseph Spiteri**, bin John u Rita neé Meilak, imwieled fis-26 ta’ Lulju 1972, residenti fil-fond Sacred Heart, Triq tas-Salib, Xewkija, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 357572(M), akkuzat talli bejn il-lejl tat-30 u l-31 ta’ Marzu 2013 gewwa l-Pyramid Disco, Victoria, Ghawdex,

bhala persuna responsabbli mill-Pyramid Disco kellu tfal taht is-sbatax-il (17) sena meta thallew jidhlu gewwa l-lokalita' ta' divertiment imsemmija

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, irrizulta li Josef Camilleri u Carly Attard kienu (u ghadhom) taht l-eta ta' sbatax-il sena meta kienu fil-Pyramid Disco, Victoria, Ghawdex dakinhar tal-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak stipulat taht Regolamenti 6(1), 6(5) u 15(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.40 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Regolamenti 6(1), 6(5) u 15(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.40 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' disa' mija u sitta u sittin euro (€ 966.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------